# *Il-Power Station tal-Marsa...*

**... li tinstab fuq l-Għolja tal-Ġiżwiti u li tħares fuq il-Menqa**



*minn Josef Azzopardi - Viċi-Sindku*




Dominanti fuq il-Menqa tal-Marsa, tinsab il-*Power Station*. Simbolu tal-Marsa, iżda hija simbolu li għamlilna l-ħsara lill-isem tal-lokalita', minkejja li l-Marsa tagħti servizz lil Gżejjer Maltin billi tipprovdi ħafna mid-dawl li Malta u Għawdex jużaw.

Meta s-sena l-oħra kont qed nagħmel riċerka fl-Arkivji Nazzjonali ta' Santo Spirito r-Rabat, għal dan il-fuljett, kont sibt sett ritratti oriġinali li juru l-bini tal-*Power Station*. Min għadu żgħir fl-eta żgur li ma jiftakarix tinbena, u issa li fi ftit xhur oħra hemm ċans kbir li tagħlaq darba għal dejjem il-bibien tagħha, tajjeb li nfakkru l-ġrajja tal-bini tagħha.

L-istorja tad-dawl f'Malta teħodna lura sa' l-1882. Ġewwa t-Teatru Rjali fil-Belt Valletta kienet saret opra *Un Ballo in Maschera* u waqt din l-opra kien ġie introdott d-dawl f'pajjiżna. Is-sena ta' wara kien hemm ċertu Edward Rosenbusch li ta dimostrazzjoni ta' l-użu tad-dawl fir-residenza tiegħu fi Strada Merkanti fil-Belt Valletta. Stieden bosta nies importanti u xtaq jintroduċi d-dawl f'Malta għan-nom tal-kumpanija *Electric Light and Power Co. Ltd* ta' Londra.



Sa mill-1890 l-Ingliżi f'Malta talbu li jsir studju kif jista' jiġi ntrodott id-dawl f'Malta. L-istudju jidher li l-proġett kien maħsub għaż-żona ta' madwar l-belt Valletta, l-Floriana, il-Kottonera, il-Ħamrun u Tas-Sliema. Minkejja li l-Marsa mhix imsemmija wieħed irid jiftakar li dak iż-żmien konna nagħmlu parti mill-Ħamrun.

Viċin tagħna fuq l-għolja tal-Kurċifiss ġewwa l-Floriana inbniet l-ewwel *Power Station* fl-1894. Għal bidu x-xogħol tagħha kien biss li jddawwal xi toroq imma maż-żmien is-servizz beda jinxtered għar-residenzi u aktar tard għall-industriji. Din kienet tissuplixxi l-belt Valletta, l-Floriana, il-Kottonera u l-Ħamrun. Bla dubbju din il-*Power Station* ġabet bidla kbira fil-ħajja ta' madwar il-port il-Kbir u d-domanda għall-aktar dawl bdiet tikber matul is-snin.

Ġewwa Għawdex ukoll inħass il-bżonn li tinbena *Power Station* u fil-fatt inbniet waħda ġewwa l-belt Victoria. Kienet *Power Station* żgħira, minħabba ċ-ċokon tal-gżira, u minħabba li s-soċjetà hemm hekk kienet waħda agrarja. Din ġiet inawgurata fl-1926. Iżda din ukoll kellha tikber peress li d-domanda bdiet tiżdied u għalhekk fl-1931 ġiet imkabbra biex tipprovdi aktar dwal għat-toroq u għar- residenzi Għawdxin.

It-tieni Gwerra Dinjija 1939-45 minkejja li ġabet ħerba fid-dinja, ġabet magħha wkoll ġirja fit-teknoloġija. Id-domanda għall-elettriku kulma jmur kienet qed iżid. Wara l-gwerra, il-Gvern Malti talab l-għajnuna mill-*Marshall Aid* biex jingħata fondi ħalli jkun jista' jibni *Power Station* ġdida. L-Istati Uniti ta' l-Amerka approvat il-proġett wara sena ta' diskussjonijiet.

Ix-xogħol tal-implimentazzjoni tal-proġett tal-*Power Station* kien ġie fdat f'idejn l-Inġinier Malti: Lawrence Ciantar M.O.M. Inġinier ta' ħila kbira li bejn l-1954 u l-1958 kien ġa beda jaħdem bħala ko-ordinatur tal-bidla tas-sistema nazzjonali tad-distribuzzjoni ta' l-elettriku. Meta l-Gvern Malti kien iddeċieda li jibni *Power Station* ġdida ġewwa l-Marsa, u aktar tard saru xi estensjonijiet Lawrence kien ġie fdat b'dan l-inkarigu. L-Inġinier Lawrence Ciantar ġie dekorat bħala Membru ta' l-Ordni Nazzjonali tal-Mertu nhar il-Ġimgħa 31 ta' Diċembru 2002.

Fl-1953-54 beda jsir it-tħaffir fl-għolja tal-Ġiżwiti, u hemm hekk inbniet *Power Station* taħt l-art (Marsa A). Għal dak iż-żmien is-sistema kienet waħda rivoluzzjonarja. Ix-xogħol kien wieħed kbir u estensiv u dam għaddej madwar 4 snin. Id-daħla tagħha tinsab fi Triq Fra Diegu u kienet ġiet magħluqa fl-1994.

Sfida ġdida għad-distribuzzjoni tal-elettriku f'pajjiżna, kien il-fatt li d-domanda għalih bdiet tikber mir-rħula fin-naħa ta' fuq ta' Malta. Fl-istess żmien kien ġie deċiż li kienet tagħmel aktar sens li tingħalaq il-*Power Station* f'Għawdex u

*Ikompli għall-paġna 70*




din tibda tieħu l-elettriku minn Malta permezz ta' *cables* li mill-Marfa jgħaddu għall-Kemmuna fid-direzzjoni lejn Għawdex. Għalhekk fl-1959, il-*Power Station* ta' Għawdex ġiet magħluqa.



Ġa la darba l-elettriku kollu kellu jiġi id-distribwit mill-*Power Station* tal-Marsa, allura din kellha tiżdied fis-saħħa. Peress li fil-*Power Station* ta' taħt l-art fl-għolja tal-Ġiżwiti ma kienx hemm fejn tespandi, fl-1965 ġie deċiż li tinbena oħra fil-Marsa.

Fit-18 ta' Marzu 1966, il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Dr. George Borġ Olivier inawgura l- *Power Station* tal-Marsa, magħrufa bħala 'Marsa B'. Interessanti wkoll li wieħed isemmi li din il *Power Station* kellha wkoll sistema li ilma baħar tibdlu f'ilma ħelu u kienet kapaċi tibdel mal-miljun gallun ilma kuljum.

It-tieni fażi tal-*Power Station* tlestiet f'Marzu 1971, fejn kienu żdiedu żewġ turbini, żewġ 'boilers' u tlett distillaturi. Il-*fuel* ta' din il-*Power Station* kien jiġi mill-Italja mid-ditta AGIP permezz tat-tankers, u kien jitqiegħed direttament f'żewġ tankijiet kbar fuq l-Għolja tal-Ġiżwiti.

Ġrajja interessanti għall-istorja kienet seħħet meta kien sar strajk fl-1968 mill-ħaddiema tat-*tugboats*, ħaddiema tal-port u oħrajn li kienu imblokkaw il-port. Dan kien ifisser li t-tanker ta' l-AGIP ma setax jidħol lejn il-Marsa u allura kien hemm it-theddida li Malta kollha tispiċċa bla dawl.




Fl-1973 fid-dinja kien hawn il-kriżi taż-żejt. Il-prezz żdied ħafna u minn tlett dollari il-barmil, tela' għall-tnax-il dollaru l-barmil. Il-Gvern Malti kellu jieħu miżuri biex kemm jista' jkun jikkontrolla l-prezz għoli biex jipprovdi l-eletrikku. Is-sistema ta' distillazjoni fil-*Power Station* ġiet imwaqqfa u minflokha inbnew ir-*Reverse osmosis* fl-1982 f'Għar Lapsi u oħra f'Tigne' fl-1986.

Il-faħam reġa ġie introdott fl-1980, minħabba l-prezzijiet fis-suq taż-żejt f'dawk iż-żminijiet. Tlett turbini ġew mibdula biex jibdew jaħdmu bil-faħam. Turbina oħra inxtrat mill-Ingilterra. L-iskop kien li l-ispiża tkun inqas. Iżda minkejja li ġew iffrankati l-flus, il-poplu Marsi bata' minħabba l-ħmieġ fl-arja li *Power Station* tal-faħam tipproduċi. Id-dħaħen iħallu fl-ambjent tal-madwar diversi frak iswed li aħna nibilgħu mill-arja. Niftakru wkoll il-munzelli kbar tal-faħam li kellna, li kienu jkunu mikxufin u bi ftit riħ l-abbra ittir ma' kullimkien. Kien fit-12 ta' Jannar 1995 li għall-aħħar darba t-tanker MV Antares daħħal lejn il-Marsa l-munzelli tal-faħam.

Sa mill-1987, wegħdiet li l-*Power Station* tal-Marsa kienet se tagħlaq bdew jingħaddu għaliex kien ġie propost li tinbena *Power Station* ġdida ġewwa Delimara. Sa minn dak iż-żmien il-poplu Marsi beda joħlom li għadd jeħles mill-pjaga li għandu iżda għaddew sebgħa u għoxrin sena u l-*Power Station* għadha topera. Ix-xewqa ta' kull Marsi hija li xi darba naraw din il-*Power Station* tingħalaq u l-Menqa tieħu r-ruħ, u nistennew li ssir ġustizzja mal-Marsin billi ż-żona tal-Menqa isir investiment fiha bħala kumpens lejn is-servizz li tajna lil Gżejjer Maltin għal aktar minn sittin sena.

**Referenzi:**

DOI - Republic Day honours and awards:
http://www.doi-archived.gov.mt/EN/press_releases/2002/12/pr1744.asp
Maltese History & Heritage - Electricity in Malta by Max Farrugia:
http://vassallohistory.wordpress.com/electricity-in-malta/

**Ritratti:**

Arkivji Nazzjonali, Santo Spirito Rabat